MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 2523/2003

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha George Mangion**

**Vs**

**Carmel Vassallo**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm140.23c (mija w erbghin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu) rapprezentanti danni li soffriet meta l-konvenut ikkaguna danni fil-vettura KBE 213 proprjeta' ta' George Mangion. Bl-ispejjez.

Ra r-Risposta li fiha l-konvenut eccepixxa li mhux minnu li huwa kkawza hsarat lill-vettura ta' George Mangion.

**Ikkunsidra**

Illi l-assigurat tas-socjeta' attrici qal li l-incident sehh meta huwa kien hiereg minn parking meta d-driver tal-vettura li kienet ipparkjata quddiemu rriversja u laqatlu l-bieba tal-karozza tan-naha tad-driver.

Illi l-konvenut qal li hu kellu l-vettura tieghu pparkjata quddiem dik ta' George Mangion u li meta Mangion kien hiereg mill-parking habat fil-vettura tieghu. Illi l-konvenut qal ukoll li wara l-incident Mangion qallu li kien dahal fuqu u l-konvenut qallu:

"Lanqas dhalt fil-vann."

Illi f'dan l-incident ma sarx skizz.

Ezatt wara l-incident skond il-pulizja George Mangion qal li kien qed isuq waqt li l-konvenut:

"Startja, rriversja u laqatni bin-naha tal-left."

Il-konvenut qal:

"Kont ipparkjat kien warajha u dahal go fiha."

Illi t-Tribunal huwa affontat b'zewg verzjonijiet kompletament opposti u li kull wahda minnhom tista' tkun veritiera. Illi huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghall-principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi w allegati.

Illi s-socjeta' attrici naqset milli tipprova li dan l-incident kien ikkawzat mill-konvenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------